GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# SILLABU GĦALL-EŻAMI TAL-MALTI
# GĦALL-POST TA' GWARDJA TAS-SIGURTÀ FI ĦDAN IS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA
# 2024

## 1.0 DAĦLA

Dan is-sillabu hu maħsub għal dawk il-kandidati li jixtiequ jersqu għall-eżami tal-Malti biex jidħlu fil-post ta' Gwardji tas-Sigurtà fil-ministeri tal-Gvern ta' Malta. Il-livell tal-ħiliet u l-kompetenzi fil-Malti mistenni huwa dak tal-livell 7 skont il-Qafas tal-Kisbiet (2015) li jissarraf f'ekwivalenza għas-sillabi li jsiru fl-iskejjel statali fit-8 sena fl-ogħla livell, Rotta 3, li kopja elettronika tagħhom tinsab fis-sit malti.skola f'dan l-indirizz https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2019/04/Programm-Kisbiet-Rotta-3-8-sena.pdf

Fl-eżami jiġu mistħarrġa l-ħiliet tal-kitba, tal-fehim mill-qari u l-metalingwa f'kuntest.

## 2.0 IL-ĦILIET U L-KOMPETENZI EŻAMINATI

2.1 Il-kandidati huma mistennija li fil-qari:

1. Jaqraw u jifhmu ġeneri differenti ta' kitba li għandhom funzjonijiet differenti u jinqdew b'reġistri differenti, li jinkludu testi fattwali, fittizji, funzjonali, informattivi, komunikattivi u/jew li jinkludu istruzzjonijiet.
2. Jaqraw, jifhmu u jirreaġixxu għal testi li jkun fihom stampi u grafika.
3. Jinterpretaw informazzjoni li jieħdu minn graphs u mapep.
4. Jaqraw u jifhmu silta billi jieħdu biss it-tagħrif li jeħtieġu billi jaqraw xi kliem, frażijiet jew sentenzi biss, jew kliem u stampi biss.
5. Jisiltu minn testi argumentattivi ħfief, narrattivi, deskrittivi u fattwali, l-ideat ewlenin minn dawk sekondarji.
6. Jaqraw u jifhmu testi li jkun fihom reġistri/lingwaġġ differenti bil-Malti fosthom dawk marbuta mal-oqsma tal-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.
7. Jaslu għal tifsira ta' kliem u espressjonijiet skont il-kuntest u jabbinaw it-tifsira ta' dettalji speċifiċi skont l-informazzjoni misjuba qabel.
8. Ibassru u jagħtu informazzjoni li toħroġ mit-test innifsu.
9. Jagħrfu l-fatti minn opinjoni.
10. Jidentifikaw l-udjenza u l-għan/ijiet tat-test.
11. Jagħrfu t-tema/i u l-punti ewlenin tat-test.
12. Jifhmu u japprezzaw it-tqassim tal-istruttura tat-test.
13. Jiddistingwu reġistri u forom ta' kitba formali u informali.

2.2 Il-kandidati huma mistennija li fil-kitba:

1. Jiktbu kitbiet fattwali, fosthom komponimenti, artikli, rapporti, fuq firxa ta' temi.
2. Jiktbu kitbiet deskrittivi fuq persuni, postijiet, avvenimenti u l-bqija.
3. Jiktbu kitbiet argumentattivi fejn jitfissru l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' pożizzjoni, opinjoni u l-bqija.
4. Jiktbu proċessi, istruzzjonijiet, twissijiet u direzzjonijiet f'kuntesti varji.
5. Jiktbu b'Malti tajjeb ħieles mill-iżbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u l-punteġġjatura.
6. Jiktbu riċensjoni ta' film, dramm jew ktieb li jkunu qraw jew raw u jagħtu l-fehmiet tagħhom fuq il-produzzjoni artistika, il-ġrajja, il-karattri u l-bqija.

## 3.0 IT-TEMI U L-KOMPETENZI LESSIKALI

It-testi għall-qari u t-titli għall-kitba jmissu t-temi li ġejjin. Għalhekk il-kandidati huma mistennija li jkollhom ħakma tajba u miftuħa ta' kliem, frażijiet u espressjonijiet li jintrabtu ma' dawn it-temi:

| | |
|---|---|
| Informazzjoni personali | Il-postijiet madwarna |
| Il-ħajja u x-xogħol ta' kuljum | L-ambjent |
| Il-ħin liberu | It-temp u l-klima |
| Il-midja u d-divertiment | Kwistjonijiet soċjali u globali |
| L-ivvjaġġar | L-istorja lokali u barranija |
| Il-kura tas-saħħa | Ġrajjiet kurrenti |
| L-edukazzjoni | Ix-xjenza u t-teknoloġija |
| Ix-xiri | L-arti u l-isports |
| L-ikel u x-xorb | Id-dar |
| Is-servizzi | Ir-relazzjonijiet mal-oħrajn |

| 4.0 Il-METALINGWA |
|---|
| Dawn l-aspetti huma meħuda mis-sillabu uffiċjali tal-iskejjel medji, tat-8 sena, Rotta 3. Billi l-aspetti tal-metalingwa jinbnew fuq medda ta' snin, hawn taħt qed jiġu speċifikati l-aspetti li l-kandidati huma mistennija li jkollhom għarfien tajjeb tagħhom biex jitqiesu proficjenti fil-kitba tajba bil-Malti.<br><br>*4.1 Il-Morfoloġija*<br>1. Il-vokali u l-konsonanti (l-assimilazzjoni)<br>2. Tempijiet sempliċi tal-verb (Imperattiv, Imperfett, Perfett, Futur)<br>3. L-Għadd (singular, plural, imtenni)<br>4. Il-Prepożizzjonijiet u t-tagħqid mal-artiklu<br>5. L-Artiklu fil-forom kollha<br>6. L-Aġġettivi fil-gradi differenti tagħhom.<br>7. L-Għerq, il-Mamma u z-Zokk Morfemiku (forom komuni u sempliċi)<br>8. Il-Verb Sħiħ u Dgħajjef<br>9. Il-parteċipju attiv u passiv (kemm forma Semitika kif ukoll Rumanza/Ingliża)<br>10. In-nom (fil-forom kollha tiegħu)<br><br>*4.2 L-Ortografija*<br>1. Il-kitba tan-numri kollha fil-Malti<br>2. Kliem li fih l-ie, l-għ u l-h<br>3. Il-mudelli tal-verbi bl-għ u l-h<br>4. Il-konsonanti dgħajfa w u j<br>5. Il-kononanti doppji |

| 5.0 L-EŻAMI | | |
|---|---|---|
| L-eżami jkun twil 90 minuta (siegħa u nofs). Se jkun magħmul minn żewġ taqsimiet li jkun fihom eżerċizzji li jridu jinħadmu kollha. L-ewwel taqsima (Taqsima A) tkun dik tal-fehim mill-qari u jkollha 50 marka b'kollox filwaqt li t-tieni taqsima (Taqsima B) tkun iddedikata għall-kitba u ġġorr ukoll 50 marka. It-total tal-marki tal-eżami huwa ta' 100 marka. | | |
| IT-TAQSIMA | IL-KONTENUT | IL-MARKI |
| L-EWWEL TAQSIMA: (Taqsima A)<br>IL-FEHIM MILL-QARI | TEST A1: MISTOQSIJIET + TAĦRIĠ GĦARFIEN IL-LINGWA<br>TEST A2: MISTOQSIJIET + TAĦRIĠ TAL-METALINGWA | 50 MARKA |
| IT-TIENI TAQSIMA: (Taqsima B)<br>IL-KITBA | TAĦRIĠ B1: KITBA QASIRA<br>TAĦRIĠ B2: KITBA TWILA | 10 MARKI<br>40 MARKA |

| 5.1 L-ewwel taqsima: il-Fehim mill-Qari: 50 marka |
|---|
| Fl-ewwel taqsima, il-kandidat irid jaħdem <u>żewġ testi</u> tal-qari li jistgħu jkunu ta' natura fattwali jew fittizja u jittieħdu minn sorsi diversi, stampati jew online. Il-karta se tkun waħda gradata fejn jidħlu mistoqsijiet u testi. Iż-żewġ testi flimkien m'għandhomx ikunu itwal minn 400 kelma.<br>L-ewwel test jista' jkun kemxejn iqsar mit-tieni wieħed u jinkludi wkoll mistoqsijiet li jistħarrġu l-għarfien tal-lingwa. Dan it-test jista' jkollu fih stampi jew tabelli. L-eżerċizzji fuqu jinkludu mistoqsijiet diretti mit-test, oħrajn inferenzjali u oħrajn miftuħa fejn tintalab fehma jew opinjoni msaħħa b'evidenza mill-istess test.<br>It-tieni test tal-qari jkun fih mistoqsijiet li jistħarrġu l-fehim tal-qarrej u għalhekk ikollu għadd ta' taħriġiet u mistoqsijiet li jeżaminaw l-inferenza u r-reazzjoni għat-test, fost l-oħrajn. Fl-aħħar taħriġ ikun hemm assessjar ta' aspetti differenti tal-metalingwa meħuda mill-kuntest tat-test mogħti, fosthom il-morfoloġija, u l-ortografija skont kif elenkati f'taqsima 4.<br>Il-mistoqsijiet fiż-żewġ testi jistgħu jkunu fl-għamla ta': veru jew falz, 'il-farrada' (kelma jew frażi li ma taqbilx mal-oħrajn), mistoqsijiet diretti, imla l-vojt, qabbel il-kolonni, poġġi f'sekwenza, u l-bqija/oħrajn. |
| **5.2 It-tieni taqsima: il-Kitba: 50 marka** |
| F'din it-taqsima, il-kandidat ikun mistenni li jaħdem żewġ eżerċizzji ta' kitba. L-ewwel kitba tkun qasira filwaqt li t-tieni waħda tkun it-twila.<br><br>Fl-ewwel kitba, il-kandidat jintalab jikteb bejn 70 u 80 kelma fuq titlu mogħti. Il-ġeneru tal-kitba jista' jkun wieħed funzjonali jiġifieri tip ta' kitba li tintuża fil-ħajja ta' kuljum u marbuta max-xogħol ta' gwardjan tas-sigurtà. Hekk il-kandidat jista' jintalab jikteb messaġġ, ittra elettronika (formali u informali), kummenti fi blogg b'reazzjoni jew jesprimi fehma, nota, proċessi, istruzzjonijiet u direzzjonijiet, u l-bqija. Din it-taqsima jkollha 10 marki u fiha, barra l-ħiliet tal-kitba tajba bil-Malti, jiġu eżaminati wkoll il-ħiliet tal-kandidat kif iħaddem il-ġeneru u l-istruttura tal-kitba partikulari.<br><br>Fit-tieni taqsima, il-kandidat ser jintalab jikteb komponiment ġenerali ta' bejn 180 u 200 kelma fuq titlu wieħed li jagħżel minn tlieta mogħtija. It-titli għandhom ikollhom suġġetti marbuta mat-temi msemmija f'taqsima 3 ta' dan is-sillabu. Barra l-marki li jingħataw għall-iżvilupp tal-ideat, l-argumentazzjoni u l-espożizzjoni tat-tema, ikunu wkoll assessjati l-ħiliet tal-kitba bil-Malti (l-ortografija, u punteġġjatura) kif ukoll il-binja u l-istruttura tal-ġeneru mħaddem. Dan il-komponiment ikollu 40 marka. |

**TMIEM**